# POST VAKANTI

Numru tal-permess tal-Jobsplus: 684/2026

Numru tal-vakanza tal-Jobsplus: 452365

# UFFIĊJAL TAL-ISTATISTIKA

## FULL-TIME



## L-IRWOL

L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika qiegħed jilqa' applikazzjonijiet għal xogħol ta' Uffiċjal tal-Istatistika mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika. L-impjegati prospettivi jkunu jagħmlu parti minn wieħed mid-diversi sezzjonijiet tal-Uffiċċju, li jiddependi mill-qasam tal-ispeċjalizzazzjoni tagħhom u l-esiġenzi tal-Uffiċċju.

Din is-sejħa hija opportunità eċċezzjonali għall-kandidati bi sfond akkademiku Bankarju u Finanzjarju, fil-Matematika, fl-Istatistika u Operations Research, fl-Inġinerija, fl-Ekonomija, fil-Kontabilità, u fl-Informatika.

Barra minn ħiliet interpersonali u komunikattivi mill-aħjar, il-kandidati magħżula għandhom ikollhom ħiliet b'saħħithom fin-numri u l-analiżi. Ħiliet ta' kodifikazzjoni u pprogrammar ikunu meqjusa siewja.

MSA Malta Statistics Authority Awtorità tal-Istatistika ta' Malta

Malta NSO National Statistics Office Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

**SKOPRI KIF TISTA' TAPPLIKA FUQ PAĠNA 2**

# POST VAKANTI

Numru tal-permess tal-Jobsplus: 684/2026

Numru tal-vakanza tal-Jobsplus: 452365

## KUNDIZZJONIJIET

Din il-pożizzjoni għandha salarju annwali li jibda minn €34,353 fl-2026 u li jitla' għal €36,555 fl-2027. Għandha wkoll Bonus tal-Prestazzjoni li jista' jitla' sa 10% fis-sena, Allowance tal-Klassi ta' €1000 fis-sena (li tiżdied għal €1750 fl-2027), u possibilment Allowance tal-Kwalifika għal dawk eliġibbli flimkien ma' progressjoni awtomatika tal-Karrieri statistiċi. Il-ħlas jeskludi kull ħlas ta' sahra, li jkun imħallas għalih skont il-ħtieġa.

**L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika joffri wkoll:**

- Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja: arranġamenti flessibli tax-xogħol, xogħol ibridu, ħinijiet anqas fis-sajf, u miżuri favur il-familja;
- Assigurazzjoni Bażika tas-Saħħa (b'għażliet ta' titjib għal koperturi ta' sptar u tas-snien);
- Rati tal-imgħax favorevoli għal self fuq id-dar u self personali mal-Bank APS;
- Servizzi ta' benessri emozzjonali – sessjonijiet ma' professjonisti ta' Richmond Foundation;
- Tagħlim Kontinwu: taħriġ individwali, tagħlim regolari dwar is-sigurtà tal-informazzjoni, u aċċess għal programmi ta' żvilupp imfasslin apposta.

## REKWIŻITI EWLENIN

**Applikanti għal dan ir-rwol għandhom ikollhom:**

- Ċertifikat fil-Livell 6 tal-MQF jew ogħla f'suġġett akkademiku Bankarju u Finanzjarju, fil-Matematika, fl-Istatistika u Operations Research, fl-Inġinerija, fl-Ekonomija, fil-Kontabilità, jew fl-Informatika.
- Użu tajjeb tal-Ingliż, flimkien ma' użu tajjeb tal-Malti jew kwalunkwe lingwa oħra uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
- Kandidati li jkunu għadhom ma kisbux formalment il-kwalifiki speċifikati hawn fuq xorta waħda jkunu kkunsidrati, u kemm-il darba jgħaddu, ikunu offruti x-xogħol meta jiksbu il-kwalifika sħiħa ta' Livell 6 tal-MQF (180 ECTS) u jagħtuha lill-prinċipal.

L-applikanti prospettivi għandhom juru d-dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC dwar il-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew ta' awtoritajiet maħtura oħra, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet jekk dan ikun meħtieġ.

Applikanti prospettivi huma ġentilment mitlubin jaqraw ir-rekwiziti tal-eligibilità.

## KIF TAPPLIKA



**Biex tapplika agħfas hawn**

**Deskrizzjoni dettaljata tax-xogħol tista' tinkiseb billi tagħfas hawnhekk**

Id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet hija nofsinhar (12:00hrs) (Ħin Ċentrali Ewropew), tal-Ġimgħa 11 ta' Settembru 2026.

MSA Malta Statistics Authority / Awtorità tal-Istatistika ta' Malta

EQUALITY CERTIFIED NCPE

Malta NSO National Statistics Office / Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika